**Nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju ta' din is-sena, f'Misraħ San Pawl, fil-qalba tal-Ħamrun, għad-dell tal-monument ta' Fra Diegu, ittellgħet tifkira li fakkret għeluq il-mitt sena mill-mewt ta' dan il-persunaġġ umli li tant wettaq ġid matul ħajtu. Permezz ta' din il-kitba sejrin infakkru għaliex ismu daħal f'qalb il-poplu Malti.**

# Fra Diegu

***kitba ta' Alfie Guillaumier***



**Guglielmu** Bonanno, għax dan kien sew isem u kunjom Fra Diegu, twieled il-Belt Valletta fil-21 ta' Marzu, 1831, fil-parroċċa ta' San Duminku.

Sa minn żogħżitu kien beda jitgħallem ta' ħajjat billi f'dak iż-żmien il-biċċa l-kbira tan-nies aktar kienu mixħutin għas-snajja milli għall-iskola. L-iskola ftit li xejn kont tista' taqla' x'tiekol biha. Imma bis-sengħa kont timxi tajjeb. Il-faqar f'dak iż-żmien kien xi ħaġa li jwaħħax. Kien żmien li jekk inti ma jkollokx, kont tibqa' b'żaqqek vojta. Kont tagħlaq il-bieb u ttrapassa bil-ġuħ. Imma dak kien żmien ieħor u nittamaw li ma jerġax jiġi. Illum id-dinja tbiddlet u kulħadd talanqas għandu bukkun.

Imma l-għan ta' Guglielmo ma kinitx is-sengħa li hu kien jaf tajjeb, imma l-ħajja reliġjuża li xtaq iħaddan. Huwa kien tefa' għajnejh fuq l-Ordni Franġiskan li aħna nafuh bħala "ta' Ġieżu" u xtaq għall-mewt li kieku kellu jilbes iċ-ċoqqa bħalhom. Kien fl-1856, fl-Għid il-Kbir, meta Guglielmu Bonanno libes bħala ajk u baqa' bl-isem li kellu u sar Fra Guglielmu. Sentejn wara, Guglielmu bidlulu ismu għal dak ta' Diegu billi issa kien għamel il-vestizzjoni uffiċjali. In-nies ferħet li Guglielmu kien inġabar mal-patrijiet. Kien ried il-ħajja tal-ġabra u s-sagrifiċċji u l-kunvent kien il-post li seta' jxebbgħu fihom. Dakinhar kien ferħan u wiegħed lil Alla l-virtu` u l-kastita`.

Minn hawn 'il quddiem, il-ħajja ta' dan l-Ajk fqajjar kienet kollha

konċentrata biex igħin lill-fqajjar, u hekk ikun mexa fuq il-passi tal-qaddis li tiegħu kien iħaddan il-prinċipju, San Franġisk t'Assisi.

Kif għedna aktar 'il fuq, il-faqar f'Malta f'dawk iż-żmenijiet kien kbir wisq. Ix-xogħol ma kienx faċli li tiksbu u wisq aktar il-flus. Kien hawn ħafna prostituzzjoni fejn wisq drabi ma kienx jidher. Ħafna nisa kienu qed jinbiegħu biex jaqilgħu il-flus, u bosta sinjuri kienu lesti biex iħallsu għas-servizz tagħhom. Kienet daħlet id-drawwa f'dak iż-żmien li xi sinjur iżomm taħt il-kappa tal-poter tiegħu xi Xantuża jew kantanta li kienu jinġiebu minn barra, b'mod speċjali minn Franza, biex għal taparsi jkantaw fil-kabaret jew ħwienet li kien hawn bil-bosta. Ħafna minnhom kienu prostituti; xi sinjur kien isib xi wieħed nofsu iblaħ, jagħtih kemxa flus, iżewwiġhielu biex dik ikollha dritt toqgħod f'Malta u dakinhar stess tat-tieġ, jeħodhielu.

F'dik il-ħabta kien qed igħix il-fqajjar Franġiskan. Ħajtu kienet ħajja ta' sagrifiċċji u meta kien imur jittallab bieb bieb f'isem ħutu l-Franġiskani, kien jiltaqa' ma' kull problema u kien jara b'għajnejh stess fejn kienet il-ġibda ta' x'uħud mill-poplu tagħna.

L-ewwel nagħġa mitlufa kienet xbejba f'San Ġiljan li telqet minn dar missierha u nxteħtet għaż-żina'. Spiċċat marida u malli rat lil Fra Diegu quddiemha, infexxet tibki u talbitu l-għajnuna reliġjuża billi kienet 'il bogħod mill-knisja minħabba l-ħajja libertina tagħha. L-għada Fra Diegu ħa Patri miegħu u din għamlet qrara tajba. Kienet l-ewwel nagħġa li rnexxielu jaħtaf minn taħt idejn ix-xitan. Minn dakinhar, waħħalha f'rasu li fejn ikun possibbli ma jħallix mara waħda mitlufa bla ma jtiha għajnuna. Issa kien meħtieġ il-permess tas-superjuri tiegħu biex ikun jista' jwettaq dak ix-xogħol hekk fejjied u delikat. Ma kenitx ħaġa faċli li tidħol għal xogħol hekk ta' sogru. Ta' sogru, billi ma kienx irid wisq biex jaqa' f'ħalq min kellu l-interess li jtebbagħlu ġieħu. Min ma ħax pjaċir bix-xogħol li daħal għalih sab bil-bosta. Kien hawn ħafna rġiel li kienu qed igħixu minn fuq dan ix-xogħol u ġie mhedded bosta drabi. Imma hu kellu l-barka ta' sħabu. Is-Superjuri tiegħu kienu jafu min kien Fra Diegu. Kienu jafu li hu kien raġel twajjeb, prudenti u t-tama f'Alla tiegħu qatt ma naqas minnha.

Wara l-ewwel esperjenza li kellu fejn irnexxielu jikkonverti 'l dik ix-xebba u jressaqha lejn l-Ewkaristija, huwa ltaqa' ma diversi każi oħra u stagħġeb mhux ftit kemm kien hawn min qed igħix fil-ħama. Għalhekk tħajjar jikri dar u fis sab waħda f'Bormla u qiegħed fiha lil dawk it-tfajliet kollha li rnexxielu jaħtaf taħt idejh. Imma biex iżommhom kienu meħtieġa l-flus. Huwa ntefa' b'ruħu u ġismu biex iżid aktar fit-talb bieb bieb. Kienet ħajja iebsa biex iżżomm dawk il-ħluq kollha bla ebda mezzi. Imma t-tama fil-Providenza Divina ma naqsitu qatt. Imbagħad kera dar f'Raħal Ġdid u ġabar lil kulħadd fiha.

Dan ma kienx biżżejjed. Huwa kera dar oħra, forsi ftit akbar, f'Ħal Balzan u kompla l-ħidma tiegħu hemm. Meta l-għadd kiber sewwa, huwa xtaq li ftit



**Il-korteo funebri ta' Fra Diegu għaddej mit-triq ewlenija tal-Belt Valletta. Eluf ta' nies inġabru biex jagħtu l-aħħar tislima tagħhom lil dan il-Fra twajjeb**

mit-tfajliet idaħħalhom fil-Bon Pastur li ma kienx 'il bogħod wisq minn fejn kien jinsab hu. Imma n-numru li kien irnexxielu jdaħħal kien żgħir komparat mat-talb li beda jiltaqa' miegħu. B'danakollu kien daħħal ma' l-erbgħa u sebgħin tfajla.

Il-Franġiskan twajjeb ma kienx jeħdilhom biss ħsieb is-saqaf ta' fuq rashom u l-ikel, imma anki meta jaslu biex jiżżewġu, kien jirnexxilu jagħtihom dota xierqa biex hekk jibdew id-dinja fil-barka t'Alla. U meta ma jkunx irnexxielu jdaħħalhom fil-Bon Pastur, huwa kien imur jittallab fl-Istitut ta' Cini li dak iż-żmien kien għadu jagħmel mal-Ħamrun, u ħafna drabi kien jirnexxilu jdaħħalhom hemm. Imma hu mhux lit-tfajliet biss kien jieħu ħsieb, imma anki tfal bniet orfni li ma kellhomx min jieħu ħsiebhom. U min jaf kemm-il darba ġie mhedded minn min ma qabillux b'din l-attivita' ta' Fra Diegu!

Kien hemm min kien igħix minn fuq il-prostituzzjoni ta' dawn in-nisa. Ħafna rġiel kienu jgħixu bix-xogħol tagħhom u lil Fra Diegu kienu jqisuh li beda jgħawwar il-professjoni tagħhom. Darba minnhom waqt li kien f'karozzin in-naħa ta' l-Imrieħel, qabżu fuqu żewġt irġiel b'wiċċhom imgħammed u riduh

itihom lura lil ċerta tfajla li kienet taħt idejh. Din ma kenitx l-ewwel esperjenza kerha li għaddha minnha, imma hu kellu tħarsu l-Id Divina.

Li tniżżel il-ħajja ta' dan l-Ajk fqajjar Franġiskan, li kien qed jimxi sewwa sew fuq il-prinċipji ta' San Franġisk ta' Assisi, trid ħafna tul. Għalhekk aħna qed nillimitaw irwieħna għal ċerti dettalji biss bla ma nippruvaw intellgħu mill-qiegħ.

Minn Ħal Balzan huwa kera dar fil-Ħamrun fi Triq id-Duluri, imbgħad fi Triq Villambrosa, l-aħħar dar li kellu u li għadha teżisti sal-lum. Din id-dar kienet tal-Konti Ġlormu Tagliaferro.

Darba minnhom Fra Diegu fettillu jmur ikellem lill-Bankier Giuseppe Scicluna (li dak iż-żmien kien għadu mhux Markiż), li kien bniedem karitattiv u għani bil-bosta. Bniedem ta' qalbu f'idu u l-flus ma kinux tiegħu. Kien ilu jisma' b'dan il-fqajjar Ajk li tista' tgħid terraq kważi Malta kollha jittallab għal dawk l-imsejkna minsijin mis-soċjeta'. Fra Diegu urieh xewqtu. Spjegalu x'kienu għaddejjin minnu l-imsejkna bniet u xbejbiet, u talbu jibnilu istitut. Qalb il-Bankier Giuseppe Scicluna dabet u fis wegħdu li jibnilu Istitut kbir. Issa Fra Diegu kien laħaq l-għan ewlieni tiegħu, u hekk ukoll żamm kelmtu il-Bankier Scicluna.

Instabet l-art sewwa sew fejn Fra Diegu kellu d-dar mikrija. Tqabbad il-Perit Annibale Lupi u x-xogħol beda taħt l-imgħallem Ġanni Portelli. Ix-xogħol mexa bil-ħeffa sewwa u għalkemm ħafna minnu kien lest, Fra Diegu ma kellux ix-xorti jarah mitmum għaliex miet nhar l-14 ta' Mejju 1902 ġewwa l-Ħamrun fil-kunvent tiegħu li kien qed jibni bis-saħħa tal-Markiż Scicluna.

Malli Fra Diegu miet, sar Luttu Nazzjonali. Mill-Ħamrun, il-ġisem mejjet ta' dan l-Ajk ittieħed privatament għand il-Patrijiet Minuri Osservanti tal-Belt fejn tqiegħed għall-qima tal-pubbliku fl-Oratorju tal-Kurċifiss. Fil-korteo funebri it-tebut refgħuh l-aktar personalitajiet ekklesjastiċi magħrufa u żammew tarf il-faldrappa, il-Markiż Scicluna innifsu u l-aktar personalitajiet distinti ta' Malta.

U hekk intemmet il-ħajja ta' bniedem li għax ħabb l-umanita' u l-proxxmu aktar minnu nnifsu, Alla għollih u seħħ il-Manjifikat tal-Madonna "Hu għolla liċ-ċkejknin..."

Ix-xogħol fuq l-istitut intemm fl-1905. Għal dan l-istitut, il-Papa ta it-titlu ta' Markiż lil Giuseppe Scicluna, il-Bankier ħanin li bi flusu għen bi sħiħ biex itaffi l-pjaga qerrieda tal-prostituzzjoni li kienet għolja minħabba l-faqar kbir li kien hawn f'Malta.

Ir-rabta ta' Fra Diegu mal-Ħamrun ma ntemmitx ma' mewtu għaliex id-dehra tiegħu kellha tibqa' fil-qalba tal-Ħamrun permezz ta' monument kbir u tassew sabiħ li tqiegħed f'nofs Misraħ San Pawl. Dan hu xogħol ta' l-artist Ċensu Apap. Kien inawgurat mill-Gvernatur ta' Malta, Sir David Campbell nhar is-16 ta' Ottubru 1932 u tbierek mill-Arċisqof ta' Malta, Dom Mauro



**Nhar is-16 ta' Ottubru, 1932, fiċ-ċentru tal-Ħamrun, kien inawgurat monument, xogħol l-iskultur Ċensu Apap, li għal dejjem jibqa' jfakkar il-persuna ta' Fra Diegu, u aktar minn hekk, iżomm ħajjin il-valuri mħaddma minnu.**

Caruana. Il-President tal-Qorti, Sir Arturo Mercieca, kien niseġ kelmtejn mill-isbaħ dwar Fra Diegu waqt iċ-ċerimonja.

Nagħaq b'appell ħiereġ mill-qalb u nħeġġeġ lil min hu responsabbli, biex jiftaħ il-kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Fra Diegu. Altru li jistħoqqlu jkun wieħed mill-Beati li jmiss isiru. Lil Dun Ġorġ irnexxielna narawh fuq l-altari! Issa ejjew naraw anki lil dan il-Fra tant tajjeb u qaddis.